**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 87/2018 RM**

**Josephine Buttigieg kif rapprezentata mill-prokuratur taghha Carmelo Portelli**

**vs**

**Allin One Turnkey Services Limited (C74480), Kawtar El Matarjji u Andrew De Conti Manduca**

**Illum, 24 ta' Ottubru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici Josephine Buttigieg ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' April 2018, fejn talbet lil din il-Qorti:

1. *"Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom ircevew is-somma ta' erbatax–il elf, seba' mija hamsin ewro (€14,750) minghand l-esponenti, liema somma tirrapprezenta parti mill-prezz ta' xogholijiet illi l-konvenuti jew min minnhom kellhom jaghmlu gewwa l-appartament 8, "Ruth", 128, Triq Bieb it-Torri kantuniera ma' Triq Qroqq, Msida propjeta' ta' l-attrici u liema xogholijiet qatt ma gew ezegwiti; u*

2. *Konsegwentament tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-esponenti l-imsemmija somma ta' erbatax-il elf seba mija u hamsin ewro (€14,750).*

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali min-nhar l-1 ta' Gunju, 2016 (id-data meta l-konvenuti rcevew is-somma hawn fuq imsemmija) kontra l-konvenuti illi huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kollha debitament notifikati – il-konvenut Andrew De Conti Manduca fit-18 ta' April 2018[1], il-konvenut Kawtar El Matarjji fis-17 ta' Mejju 2018[2] f'liema data giet ukoll notifikata s-socjeta` konvenuta Allin One Turnkey Services Limited - naqsu li jipprezentaw risposta ghat-talbiet tal-attrici u naqsu wkoll milli jidhru ghas-smigh tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2018 l-avukat difensur tal-attrici ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2018, il-konvenuti naqsu li jidhru ghas-subizzjoni.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi din il-Qorti issib illi t-talbiet tal-attrici gew debitament ippruvati u jimmeritaw li jigu akkolti fil-konfront tal-konvenuti kollha.

In kwantu ghall-imghax izda, il-Qorti tqis li dan ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel interpellazzjoni ufficjali li saret lill-konvenuti li f'dan il-kaz

[1] Vide fol. 8.
[2] Fol. 10 *tergo.*

jirrizulta li saret bil-prezentata tar-rikors promotur ta' din il-kawza, u mhux kif mitlub mill-attrici.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u filwaqt illi tiddikjara li l-konvenuti rcevew is-somma ta' erbatax–il elf u seba' mija u hamsin Euro (€14,750) minghand l-attrici, rapprezentanti parti mill-prezz ta' xogholijiet illi l-konvenuti kellhom jaghmlu gewwa l-appartament 8, "Ruth", 128, Triq Bieb it-Torri kantuniera ma' Triq Qroqq, Msida proprjeta' ta' l-attrici u liema xogholijiet qatt ma gew ezegwiti, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici l-imsemmija somma ta' erbatax-il elf u seba' mija u hamsin Euro (€14,750), bl-imghax li jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur ossia mill-10 ta' April 2018.**

**L-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur ghandhom jigu sopportati wkoll mill-konvenuti.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**